# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 18 ta' Novembru, 2024

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 60/2022 ISB**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Vs**

**Teddy Cefai** (detentur tal-karta ta' l-identita' 48563G) u **Bovece Developments Limited** bin-numru ta' reġistrazzjoni C 29548

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tar-rikorrenti **Teddy Cefai** u s-soċjeta' rikorrenti **Bovece Developments Limited,** intavolat fis-27 ta' Mejju 2022, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:

1. *Teżenta lill-esponenti Teddy Cefai milli waħdu jiġi dikjarat responsabbli għall-ħlas tal-penali kollha;*

2. *Tħassar il-penali kollha hekk kif imposti jew alternattivament tirriduċi l-ammont ta' penali in vista tar-raġunijiet hawn fuq imsemmija;*

U dan wara li ppermettew:

*Illi permezz tal-Ittra Uffiċċjali Nru. 1528/2022 hawn fuq imsemmija u li kopja tagħha tinsab huwa annessa u mmarkata bħala Dok. A, l-esponenti ntalbu sabiex iħallsu s-somma ta' disat elef, erba' mija u sebgħa u tletin Euro (€9,437) f'penali skond l-Artikolu 427(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi fl-ewwel lok jingħad illi l-esponenti Teddy Cefai ma huwiex l-uniku azzjonist u direttur fis-soċjetà Bovece Limited;*

*Illi fit-tieni lok, għandu jingħad ukoll illi l-kontijiet, accounts, u d-dokument kollha neċessarji ġew debitament sottomessi mal-Malta Business Registry u dan kif sejjer jipi debitament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;*

*Illi barra minn hekk l-esponenti, anke tramite r-rappreżentant tagħhom kienu qegħdin f'komunikazzjoni mar-Reġistratur tal-Kumpannija u saħansitra saret talba għar-riduzzjoni tal-penali, li però l-esponenti baqgħu ma rċivew l-ebda komunikazzjoni lura;*

Rat id-**dokument** li kien ppreżentat mar-rikors (fol 5 sa fol 7).

Rat id-**digriet** tagħha tas-27 ta' Ġunju 2022, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-8 ta' Lulju 2022 fid-9:30 a.m.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tar-**Reġistru tal-Kumpaniji** intavolata fit-8 ta' Lulju 2022 (fol 10) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament ir-rikors odjern huwa null għaliex skond l-Artiklu 401(14) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta ("l-Att dwar il-Kumpaniji") r-rikors għandu jkun ġuramentat u dan għaliex l-imsemmi artikolu jgħid illi għal kull rikors illi jsir quddiem din l-Onorabbli Qorti għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għal dak illi għandu x'jaqsam mal-provedimenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Dan ifisser illi fost rekwiżiti oħra, dawn il-proċeduri kellhom jibdew permezz ta' rikors ġuramentat*[1]*;*

2. *Illi l-kumpanija Bovece Developments Limited, b'numru ta' reġistrazzjoni C 29548, ġiet reġistrata mar-Reġistratur fid-9 t'April 2002 u matul il-perjodu ta' żmien ta' kemm ilha reġistrata hija naqset milli tibgħat kontijiet u prospetti annwali skont kif jitlob minnha l-Att dwar il-Kumpaniji;*

3. *Illi senjatament l-aħħar kont annwali li l-kumpanija intimata kienet bagħtet kien dak tas-sena elfejn u sitta (2006) filwaqt li l-aħħar prospett annwali mibgħut lir-Reġistratur kien dak tas-sena elfejn u disgħa (2009);*

4. *Illi tali nuqqasijiet wasslu lir-Reġistratur sabiex toħroġ penali skont l-artikoli 183 u 184 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

[1] Emfażi tal-Qorti

5. *Illi d-dritt tal-ħlas ta' penali lir-Reġistratur joħroġ mill-artikolu 183 sub-artikolu 6 u l-artikolu 184 sub-artikolu 3 tal-Att fuq imsemmi, illi jipprovdu li fin-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmijin artikoli, kull uffiċjal tal-kumpanija li jkun naqas jiġi suġġett għal penali fissa kif ukoll għal penali oħra għal kull jum li matulu jkompli tali nuqqas;*

6. *Illi fir-rigward għall-eċċezzjoni tal-intimat Teddy Cefai u ċioe' illi l-istess Cefai ma huwiex l-uniku azzjonist u direttur tal-kumpanija Bovece Developments Limited (u Mhux Bovece Limited kif indikat fir-rikors), l-esponent Reġistratur tirrikonexxi dab, tant illi tirrimarka kif l-Att dwar il-Kumpaniji, senjetament artikolu 147 sub-artikolu 1, jipprovdi illi ir-responasabbilita' tad-diretturi għad-danni għal xi ksur ta' dmir tkun in solidum, filwaqt illi l-artikolu 150 tal-istess Att jipprovdi wkoll kif kull ħaġa li skont xi dispożizzjoni tal-Att hi meħtieġa li ssir minn kumpanija għandha titqies ukoll li hi meħtieġa li ssir mill-uffiċjali tal-kumpanija. Mingħajr dubju, ir-responsabbilita' ta' kumpanija illi tissottometti l-kontijiet annwali u kif ukoll il-prospetti annwali tagħha skont l-Att dwar il-Kumpaniji hi konsegwentament, ir-responsabbilita' tal-uffiċjali kollha;*

7. *Illi minkejja li fil-frattemp li ntbgħatu n-notifiki lil wieħed mid-diretturi tal-kumpanija sabiex isir il-ħlas tal-ammont f'penali dovuti lir-Reġistratur, u filwaqt li l-kumpanija issottomettiet il-prospetti annwali kif ukoll il-kontijiet annwali tagħha, l-ebda pagament ta' penali ma ġie mħallas mill-kumpanija. Irid jiġi rrimarkat kif minkejja li saru tali sottomissjonijiet, il-kumpanija għadha sal-ġurnata tal-lum mhux kompletament konformi mal-obbligazzjonijiet taħt l-Att dwar il-Kumpaniji, wara li jirriżulta kif*

*il-prospetti annwali tal-aħħar sentejn, u ċioe' ta' snin elfejn wieħed u għoxrin u elfejn tnejn u għoxrin (2020 u 2021) għadhom mhux sottomessi. Konsegwentement, l-ammont ta' penali dovuti li baqgħu ma tħallsux kompla jiżdied tul ix-xhur, tant illi l-ammont totali dovut lir-Reġistratur f'penali b'riżultat ta' sottomissjonijiet tardivi ta' kontijiet u prospetti annwali tas-snin indikati iktar 'il fuq, u nuqqas ta' sottomissjoni tal-istess, sal-ġurnata tal-lum jammonta għal Euro 14,234.51;*

8. *Illi fir-rigward għall-eċċezzjoni tal-intimat li kienet saret talba għar-riduzzjoni tal-penali, ir-Reġistratur ħadet a konjizzjoni taċ-ċirkustanzi kollha, u ċioe' illi għal numru twal ta' snin l-kumpanija intimata naqqset mill-obbligi tagħha skont l-Att dwar il-Kumpaniji u kien biss fl-aħħar sena u nofs li l-kumpanija ħadet azzjoni u bdiet tissottometti tali dokumentazzjoni lir-Reġistratur. B'konjizzjoni illi issa s-sottomissjonijiet rikjesti huma kważi kompluti, ir-Reġistratur waslet għall-konklużjoni illi tilqa' t-talba li saret mill-intimat għal riduzzjoni fuq l-ammont totali dovut f'penali, biex b'hekk, akkont illi l-ammont f'penali dovut tela' minn Euro 9,437 għal Euro 14,234.51, l-ammont totali rivedut dovut mill-kumpanija intimata jammonta għall ħdax-il elf sitt mija u seba' ewro (***Euro 11,607***).*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost l-esponent titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkonferma illi:*

1. *L-ammont ta' ħdax-il elf sitt mija u seba' ewro (Euro 11,607) huwa dovut mill-kumpanija intimata bħala l-ammont ta' penali rivedut mir-Reġistratur u dan mingħajr preġudizzju għal*

*ammonti oħra li jistgħu jkunu dovuti sad-data tal-effettiv pagamenti;*

*U dan taħt kwalunkwe provediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportun fiċ-ċirkustanzi tal-każ.*

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2022, saret trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni mresqa mir-Reġistratur tal-Kumpaniji fir-risposta tiegħu.

Rat id-deċiżjoni parzjali tagħha tat-22 ta' Frar 2023 (fol 19) li permezz tiegħu ddeċidiet is-segwenti:

1. ***Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji*

2. ***Tordna** l-prosegwiment tal-kawża*

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2023, wara li r-rikorrenti ma dehrux għal numru ta' seduti, il-Qorti ddifferiet il-kawża *sine die*.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat fis-16 ta' Ottubru 2023 (fol 26) li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu li l-kawża terġa' titqiegħed fuq il-lista. Rat ukoll id-digriet tagħha tal-11 ta' Ottubru 2023 li permezz tiegħu l-kawża ġiet ri-appuntata għas-17 ta' Novembru 2023.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2023, ir-rikorrenti ma dehrux għall-kawża u lanqas ma ħarġu n-notifiki tar-ri-appuntament lir-Reġistratur tal-Kumpaniji. Rat ukoll li r-Reġistratur tal-Kumpaniji ta ruħu b'notifikat.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2024, il-Qorti ddikjarat il-provi tar-rikorrenti magħluqa wara li dawn għal darb'oħra ma dehrux għall-udjenza tal-Qorti minkejja li l-Qorti ffaċilitat dehra b'mod elettroniku.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2024, id-difensur tal-intimat iddikjarat li m'għandhiex provi x'tipproduċi. Rat li għalhekk il-Qorti ħalliet il-kawża għall-udjenza ta' llum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti in segwitu għall-ittra uffiċjali bir-referenza numru 1528/22 fejn ir-rikorrenti ġew interpellati mir-Reġistratur intimat sabiex iħallsu is-somma ta' disat' elef, erba' mija u sebgħa u tletin Ewro (€9,437) rappreżentanti penali li ġew inkorsi mir-rikorrenti minħabba li allegatament huma kienu naqsu milli josservaw il-provvedimenti tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, għal liema pretensjonijiet ir-rikorrenti qegħdin joġġezzjonaw.

Isostnu li r-rikorrent Teddy Cefai m'huwiex l-uniku azzjonist u direttur tas-soċjeta' Bovece Limited. Oltre` minn hekk, jikkontendu li l-kontijiet, *accounts* u d-dokumenti kollha neċessarji ġew sottomessi kif xieraq mal-Malta Business Registry.

Jispjegaw li qegħdin f'komunikazzjoni mal-intimat u saħansitra saret talba għar-riduzzjoni tal-penali iżda baqgħu mingħajr risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Min-naħa tiegħu l-**intimat Reġistratur tal-Kumpaniji** jgħid li s-soċjeta' rikorrenti Bovece Developments Limited kienet ġiet reġistrata fid-9 ta' April 2002 u matul il-perjodu taż-żmien ta' kemm ilha reġistrata naqset milli tibgħat kontijiet u prospetti annwali skont kif jitlob minnha l-Att in vigore dak iż-żmien. Jgħid li fil-

fatt l-aħħar kont illi ntbagħat kien tas-sena 2006 u l-aħħar prospett annwali li ġie sottomess kien tas-sena 2009.

Jispjega li tali nuqqasijiet wasslu lir-Reġistratur sabiex joħroġ penali skont l-artikoli 183 u 184 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid illi minkejja li filfatt riċentament saru s-sottomissjonijiet sas-sena 2020, iżda l-penali baqgħu ma ġewx imħallsa u b'hekk baqgħu jiżdiedu. Oltre` minn hekk, jispjega li sa llum-il ġurnata l-penali telgħu sal-ammont ta' erbatax-il elf, mitejn u erbgħa u tletin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€14,234.51) u fuq talba tar-rikorrenti ġew ridotti għal ħdax-il elf, sitt mija u seba' Ewro (€11,607).

Isostni li għalhekk is-somma ta' ħdax-il elf, sitt mija u seba' Ewro (€11,607) hi dovuta u għalhekk l-ammont ta' disat elef, erba' mija u sebgħa u tletin Ewro (€9,437) u li l-ittra uffiċjali numru 1528/22 datata 21 ta' April 2022, hija valida fil-liġi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-proċedura dwar kif persuna tappella minn avviż dwar Penali imposti mir-Reġistratur tal-Kumpaniji tinsab fl-artikolu 401(3) sa (16) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħidu testwalment hekk:

> (3) *Meta r-Reġistratur jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna li dik il-persuna saret suġġetta għal penali taħt dan l-Att li jispeċifika x-xorta tal-ksur tal-liġi u jindika ammont dovut bħala penali għal dak ir-reat, il-persuna li lilha jkun ingħata l-avviż titqies, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (4) sa (17), li tkun weħlet penali taħt dan l-Att, kif ukoll xi penali dovuta għal kull jum li matulu n-nuqqas ikompli u l-ammont indikat kif intqal qabel li hu dovut bħala penali għandu jitqies li jkun il-penali dovut taħt dan l-Att għall-ksur tal-liġi speċifikat fl-avviż*

*(4) Avviż kif imsemmi fis-subartikolu (3) għandu, man-notifika ta' kopja tiegħu bil-mezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna murija fl-avviż, jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-finijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kemm-il darba dik il-persuna fi żmien tletin jum mid-data ta' dik in-notifika ma tibdixproċedimenti quddiem il-qorti fejn toġġezzjona għall-penali hekkstabbilita.*

*(5) Meta xi persuna tkun tixtieq tibda proċedimenti biex toġġezzjona għal penali imsemmija fis-subartikolu (3), dawk il-proċedimenti għandhom jibdew b'rikors kontra r-Reġistratur.*

*(6) Ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jgħid b'mod ċar u fil-qosor ix-xorta tal-oġġezzjoni, il-fatti li minnhom inqalgħet l-oġġezzjoni, ir-raġunijiet għaliex dik l-oġġezzjoni għandha tkun milqugħa, u t-talba li l-penali ma tkunx dovuta skont il-liġi tkun dovuta skont il-liġi f'ammont iżgħar.*

*(7) Il-qorti ma għandiex tannulla jew tnaqqas penali kif intqal qabel kemm-il darba dik il-penali ma tkunx tista' skont il-liġi tkun imposta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jew ma tistax skont il-liġi tkun imposta fl-ammont stabbilit mir-Reġistratur.*

*(8) Ir-rikorrent għandu jehmeż mar-rikors dawk id-dokumenti kollha li jsostnu t-talba tiegħu li jkun jista' jipproduċi, u għandu jindika fir-rikors tiegħu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi ħsiebu jressaq u jgħid, dwar kull wieħed, il-prova li jkun bi ħsiebu jagħmel.*

*(9) Il-qorti għandha, mingħajr dewmien, tqiegħed ir-rikors għas-smigħ f'data kmieni, liema data ma għandha f'ebda każ tkun iktar tard minn tletin jum mid-data tal-preżentata tar-rikors.*

*(10) Ir-rikors, u l-avviż tad-data stabbilita għas-smigħ, ikunu notifikati lir-Reġistratur mingħajr dewmien, u l-imsemmi Reġistratur għandu jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika tar-rikors.*

*(11) Ir-Reġistratur għandu, fir-risposta tiegħu, jgħid b'mod ċar u fil-qosor jekk jaqbilx mal-fatti dikjarati fir-rikors, u r-raġunijiet għaliex joġġezzjona għat-talba; dan għandu ukoll jiddikjara fir-risposta tiegħu x-xhieda li jsostnu r-raġunijiet tiegħu u jehmeżmagħha d-dokumenti kollha li jsostnuhom.*

*(12) Fil-jum stabbilit għas-smigħ tar-rikors, il-qorti għandha tikkunsidra l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi li jistgħu jkunu biss aċċertati mir-rikors, risposta jew dokumenti ppreżentati, minn kull waħda mill-partijiet, jew mix-xiehda ndikati minn kull waħda mill-partijiet fir-rikors jew fir-risposta, skont il-każ, jew mis-sottomissjonijiet verbali ta' kull waħda mill-partijiet.*

*(13) Il-qorti għandha tisma' r-rikors sakemm ikun mitmum fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data stabbilita għas-smigħ oriġinali tar-rikors, u ma jingħata ebda aġġornament ħlief jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, jew għal raġuni eċċezzjonali li tkun reġistrata mill-qorti, u dik id-data aġġornata għandha tkun mhux iktar tard minn dak li hu ġustifikat għal dik ir-raġuni.*

*(14) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu,id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u ProċeduraĊivili*

> *dwar provedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom japplikaw dwar kull rikors bħal dak.*
>
> *(15) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kodiċita' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-titolu eżekutiv imsemmi fis-subartikolu (4) ma jkunx jista' jiġi nfurzat qabel ma jgħaddu tletin jum min-notifika tal-att ġudizzjarju hemmhekk imsemmi.*
>
> *(16) Id-deċiżjoni tal-qorti fuq rikors imsemmi fis-subartikolu(5), li tikkonferma l-impożizzjoni ta' penali stabbilita mir-Reġistratur jew li tnaqqas dik il-penali, għandha, meta ssir res judicata,titqies li hi deċiżjoni tal-qorti li tordna l-ħlas mir-rikorrent tal-penali kif konfermata jew imnaqqsa.*

Il-Qorti tosserva li f'dan il-każ, ir-rikorenti ntavolaw rikors li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 401(6), iżda tinnota illi minkejja illi l-Artikolu 401(8) jitlob illi mar-rikors jiġu mehmuża dawk id-dokumenti li jsostnu t-talba tar-rikorrenti, hawnhekk ma gew ippreżentati l-ebda dokumenti sabiex isostnu r-raġunijiet għall-appell tagħhom, anke jekk isostnu illi "*l-kontijiet, accounts u d-dokumenti kollha neċessarji ġew debitment sottomessi*". Tant hu hekk li r-rikorrenti ippreżentaw biss kopja tal-istess ittra uffiċjali li qegħdin joġġezzjonaw minnha, iżda ma ppreżentaw l-ebda dokumenti li jsostni l-posizzjoni tagħhom dwar ir-raġunijiet għala l-penali mhux minnhom dovuti. Oltre` minn hekk, din il-Qorti allokat diversi xhur lir-rikorrenti sabiex iressqu l-provi tagħhom iżda dawn baqgħu inadempjenti u saħansitra lanqas biss dehru quddiem din il-Qorti fid-dati u l-ħin allokati lilhom fid-diversi seduti mogħtija (12.05.2023, 10.07.2023, 17.11.2024 u 23.02.2024) sabiex iressqu l-provi u jsostnu l-argumenti tagħhom.

Għalhekk fin-nuqqas ta' provi dwar il-għaliex l-ammont pretiż mir-Reġistratur intimat mhuwiex dovut kif jallegaw ir-rikorrenti, din il-Qorti m'għandha l-ebda għażla oħra għajr li tiċħad t-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom.

Mill-banda l-oħra l-Qorti tosserva li fir-risposta tiegħu, l-intimat Reġistratur indika ammont pretiż li jmur oltre` minn dak indikat fl-ittra uffiċjali *1528/2022*. F'dan ir-rigward, is-setgħat tal-Qorti huma limitati għal dak li hu kontenut fl-ittra uffiċjali u għalhekk ma tistax tikkundanna lir-rikorrenti jħallsu ammont li jeċċedi dak stipulat fl-ittra uffiċjali *de quo*, u dan bl-istess mod illi l-Qorti, f'kaz illi tilqa' t-talbiet ta' rikorrenti, tista' biss "*tannulla jew tnaqqas penali*" kif indikat bl-avviz li jkun rċieva r-rikorrent, u ċioe`, f'dan il-kaz, l-ammont ta' disat' elef, erba' mija u sebgħa u tletin Ewro (€9,437). Il-Qorti tqis illi dawn il-proċeduri huma intrinsikament marbuta mat-talba magħmula mir-Reġistratur intimat bl-ittra uffiċjali tiegħu msemmija, u għalhekk kwalsiasi ġudizzju illi l-Qorti trid tgħaddi irid neċessarjament ikun fil-kuntest ta' dik it-talba.

**GĦALDAQSTANT, il-Qorti, wara illi għamlet il-fuq imsemmija kunsiderazzjonijiet u fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati, qed tgħaddi biex tiċħad t-talbiet tar-rikorrenti u dana billi :**

**(a) tiddikjara illi t-talba tar-Reġistratur tal-Kumpaniji kif dedotta fl-ittra uffiċjali tal-21 ta' April 2022, ossija ittra uffiċjali numru 1528/22 bħala valida fil-liġi u,**

**(b) konsegwentament tiddikjara illi s-somma ta' disat'elef, erba' mija u sebgħa u tletin Ewro (€9,437) kif mitlub fl-istess ittra uffiċjali bħala dovuta mir-rikorrenti in solidum bejniethom a favur ir-Reġistratur intimat.**

**Bir-riżerva dejjem lir-Reġistratur intimat illi jekk iħoss opportun, jitlob għal penalitajiet ulterjuri skond il-liġi.**

L-ispejjeż ta' din il-proċedura jkunu a kariku tar-rikorrenti flimkien u in solidum bejniethom.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**